**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum, 13 ta' Mejju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Elton Taliana)**
**vs**

**Duncan Buttigieg detentur tal-Karta ta' l-identita Nru 244783(M).**

Kumpilazzjoni Nru. 14/2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Duncan Buttigieg talli: -

F`diversi lokalitajiet f`dawn il-Gżejjer, fil-perjodu ta` xahar ta Diċembru, 2013, b`diversi atti magħmulin mill-istess Duncan Buttigieg, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b`riżoluzzjoni waħda u cioe` talli-

1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor ta' tmien mija u tletin euro (€830) u dan għad-dannu ta' Gary Spiteri, Michele Gina Sultana, Neville Refalo, Matthew Chirchop, Chanelle Bellotti, Alexander Pirotta, Keith Camilleri u Joseph Edward Pike, ai termini tal-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

2. Għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi), għad-dannu ta' Gary Spiteri, Michele Gina Sultana, Neville Refalo, Matthew Chirchop, Chanelle Bellotti, Alexander Pirotta, Keith Camilleri u Joseph Edward Pike, ai termini tal-artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Għamel falsifikazjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obligi foloz jew ħelsien falz minn obligi, jew billi daħal dawn il-pattijiet, dispsizzjonijiet, obligi jew ħelsien minn obligi, f'dawk l-atti jew skrittura wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew bidel klawsoli, dikjarazjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, ai termini ta l-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Xjentament għamel użu min att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu (Sub-Titolu II, Fuq il-Falstfikazzjoni ta skritturi ohra pubbliċi jew privati), ai termini tal-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa ngahta zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tieni imputazzjoni ngahtat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi r-raba imputazzjoni ngahtat bhala alternattiva ghat-tielet imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni peress illi dan ir-reat hu mezz ghall-fini, ghandu jkun hemm assorbiment fil-piena ghal dan ir-reat f'dak ta' l-ewwel imputazzjoni u cioe' fil-frodi.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda voluminuza fejn jidher li l-imputat instab hati ta' reati simili fil-passat. Gie kkunsidrat ukoll li l-imputat mil-ewwel wera r-rieda li jikkollabora mal-Pulizija u anke meta l-ewwel mitkellem, hu ammetta l-involviment tieghu. Jirrizulta izda li l-parte leza baqaw ma gewx rizarciti fid-danni minnhom subiti u lanqas hemm tama li dan issir.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 183, 308 u 310(b), tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati tal-ewwel, t-tielet u l-hames akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' tmintax il-xahar prigunerija.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**